

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Informazzjoni Dwar It-tneħħija Legali Tal-minuri](#) Finland

Informazzjoni dwar it-tneħħija legali tal-minuri



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network
(in civil and commercial matters)

1 Taħt liema ċirkostanzi jista' ġenitur jittrasferixxi legalment lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor?

It-tutori tal-minuri u t-teħid ta' deċiżjonijiet dwar il-minuri huma rregolati bl-Att dwar il-Kustodja tal-Minuri u d-Dritt ta' Aċċess (*laki lapsen huollosta ja tapaamisoikeudesta*) (361/1983).

Jekk ġenitur wieħed biss għandu l-kustodja, dak il-ġenitur jiddeċiedi dwar kwistjonijiet relatati mal-minuri, inkluż fejn igħix dak il-minuri, u jista' għalhekk essenzjalment jieħu lill-minuri lejn Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor.

Jekk il-ġenituri għandhom il-kustodja konġunta tal-minuri, huma responsabbli konġuntament għall-obbligi inerenti tal-kustodja u għat-teħid flimkien ta' deċiżjonijiet dwar il-minuri.

Jekk il-ġenituri għandhom il-kustodja konġunta tal-minuri, il-qorti tista' tiddeċiedi dwar id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejniethom. Fi kliem ieħor, hija tista' tagħti deċiżjoni dwar l-għoti tas-setgħa ta' teħid ta' deċiżjonijiet f'relazżjoni mal-obbligi speċifiċi tal-kustodja lil ġenitur wieħed biss. Il-qorti tista' tordna fid-deċiżjoni ta' kustodja li wieħed mill-ġenituri biss jista' jiddeċiedi fejn imur igħix il-minuri.

Jekk il-qorti tkun ordnat fid-deċiżjoni tagħha li tutur wieħed biss jista' jeżerċita s-setgħa fejn imur igħix il-minuri, dak it-tutor jista' jieħu dak il-minuri fi Stat ieħor mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor.

2 Taħt liema ċirkostanzi hu meħtieġ il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor għat-trasferiment tal-minuri lejn stat ieħor?

Jekk il-ġenituri għandhom kustodja konġunta tal-minuri, ebda ġenitur ma jista' essenzjalment jieħu l-minuri f'dak l-Istat mingħajr il-kunsens tal-ġenitur l-ieħor.

Ara r-risposta għad-domanda preċedenti.

3 Jekk il-ġenitur l-ieħor ma jagħtix kunsens għat-trasferiment tal-minuri lejn Stat ieħor, minkejja li jkun meħtieġ, il-minuri kif jistgħu jiġu ttrasferiti b'mod legali lejn Stat ieħor?

Jekk ġenitur wieħed ma jagħtix il-kunsens tiegħu sabiex il-minuri jittieħed fi Stat ieħor, il-kwistjoni tista' tinġieb quddiem il-qorti għal deċiżjoni.

4 L-istess regoli japplikaw għat-trasferiment temporanju (eż. vaganza, il-kura tas-saħħa eċċ.) u t-trasferiment permanenti? Jekk applikabbli, jekk jogħġbok ipprovdi l-formoli ta' kunsens rilevanti.

Mhemm ebda regola speċjali fil-Finlandja dwar trasferiment temporanju, pereż. għal vaganzi, u mhemm ebda formularju li jiġi użat biex jingħata l-kunsens.

Deċiżjoni mill-qorti dwar id-dritt ta' aċċess lill-minuri tista' ikollha fiha provvedimenti dwar jekk ġenitur jistax jivvjaġġa barra mill-pajjiż matul it-tali aċċess.

■ L-aħħar aġġornament: 19/04/2024

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NĠE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.